**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-25 ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru : 211/2020 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**PO**

**-vs-**

**DO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' PO, datat 13 ta' Lulju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elf disgha mija tmienja u tmenin (1988), liema zwieg gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala Dok. 'A'.*

*Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom erbat itfal, senjatament G, R, S u M li huma lkoll magorenni u il-fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mis-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993) u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Alexander Joseph Sciberras Trigona, liema kuntratt qieghed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. 'B'.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi, oltre li huma ilhom legalment separati ghal ferm iktar minn erbgha (4) snin, huma jghixu wkoll hajja totalment separata minn xulxin.*

*Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward hlas ta' manteniment stante illi ghal dak illi jirrigwarda l-ulied dawn huma lkoll maggorenni, kif fuq spjegat, filwaqt illi l-esponenti irrinunzjat ghal kull dritt ta' manteniment minghand l-intimat, skond ma jirrizulta mir-raba' (4) klawsola tat-tielet pagna ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti qieghda tannetti l-affidavit taghha li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'C'.*

*Illi l-esponenti tirrileva umilment illi hija tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha, senjatament 'B'.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex: -*

*(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

*(2) Tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti ghal kunjom xbubitha, senjatament 'B'.*

*(3) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

*U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2020, l-intimat deher minghajr assistenza legali u wara li l-Qorti spjegatlu id-drittijiet legali tieghu, ddikkjara illi ma jehiegx assistena legali u li mhux

qed joggezzjona ghad-divorzju.

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**PO** xehdet (vide affidavit fol 7) illi hija zzewwget lil DO nhar il-25 ta' Gunju 1988, u li minn dan iz-zwieg huma kellhom erbghat ulied, illum maggorenni. Sostniet illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 26 ta' April 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sciberras Trigona. Iddikjarat illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment u di piu' ma hemm ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u dana apparti li ilhom ferm akar minn erba' snin jghixu flimkien, huma ghandhom wkoll hajja totalment separata minn xulxin. Finalment hija tablet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' B.

**DO** xehed bil-ġurament ( fol 13 ) u ikkonferma u ikkollabora dak li xehdet **PO.**

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-25 ta' Ġunju 1988 (vide certifikat taz-zwieg Dok A, a fol 4 bin-numru ta' reġistrazzjoni 1097/1988) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom erbat ulied, ilkoll maġgorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sciberras Trigona, datat 26 ta' April 1993 (vide Dok.B fol 4 B et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet liema zwieg igib c-certifikat numru 1097/1988 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u tawtorizza lil PO sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe B u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**